Kopja Informali

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 478/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spett. Kevin Pulis)**
**(Spett. Shawn Pawney)**
**(Spett. Leroy Balzan Engerer)**

**Vs**

**Paul Philip Caruana**
**(K.I. 524386M)**

**Illum, 30 ta' Settembru, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Paul Philip Caruana, ta' 49 sena, iben George Caruana u Helen Joan Caruana nee' Delicata, imwieled Melbourne, ġewwa l-Awstralja nhar il-15 ta' Diċembru 1970 u li joqgħod 40, "St. Mary", Triq it-Tengħud tax-Xagħri, Mosta, detentur ta' karta ta' l-identità numru 525386M u akkużat talli nhar is-sbatax ta' Settembru 2020, bejn it-tlieta u s-sitta ta' filgħodu u/jew ħinijiet oħra, ġewwa Ħal- Qormi u/jew postijiet oħra f dawn il- gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' vettura  cioè excavator tal-għamla YANMAR VIO 38 u jew xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat, bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u liema serq sar għad-dannu ta' Alain Guga Ruddu, u/jew ta xi persuni/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

U aktar talli:

2. b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, w li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bejn nhar l-ewwel ta' Jannar 2020 u nhar is-sbatax ta' Settembru 2020, f dawn il- gżejjer  xjentement laqgħa għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indħal biex ibigħhom jew imexxihom.

3. Ukoll talli b' hekk irrendejt ruħhek reċidiv ai termini tal- artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal - Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2021, il-Prosekuzzjoni u l-akkużat eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati l-04 ta' April 2023[1] fejn indika li l-akkużat għandu jinstab ħati taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-artikoli 261(ċ)(f)(g), 267, 271(g), 279(b), 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 18, 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi dawn l-Artikoli nqraw fis-seduta tal-04 ta' April 2023 u l-akkużat iddikjara illi m'għandux oġġezzjoni li jiġi ġġudikat minn din il-Qorti.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Semgħet is-sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda tal-ispettur Shaun Pawney[2] jirriżulta li dakinhar tat-18 ta' Settembru 2020 kien daħal rapport fejn intqal li matul il-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Settembru 2020 kien insteraq excavator tat-tip Yanmar mudell VIO 38 ta' kulur isfar minn Triq il-Qassisin, Ħal-Qormi, propjetà ta' Alan Guiga. L-excavator kienet tinstab ġewwa sit ta' kostruzzjoni f'dik it-triq u meta Alan

[1] A fol. 628A tal-Atti Proċesswali.
[2] Ara x-xiehda mogħtija fit-02 ta' Ottubru 2020 a fol. 31 tal-atti proċesswali.

Ghiga mar fuq is-sit dakinhar filgħodu, ma sabhiex hemm. Mill-filmati li raw il-pulizija rriżulta li matul il-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Settembru 2020 dehru żewġ persuni aktarx involuti fis-serqa ta' din il-vettura. L-excavator kellha wkoll sistema ta' GPS tracking li kienet qed tindika li l-vettura kienet f'għalqa fiż-żona magħrufa bħala "l-Irziezet" fl-Imtaħleb, liema għalqa kienet propjetà tal-akkużat. Meta marru f'din l-għalqa, il-Pulizija sabu l-imsemmija skavatriċi flimkien ma vetturi oħra li kien hemm suspett ta' attività illegali dwarhom. Minn filmati li ttieħdu minn residenza li tinsab faċċata tal-imsemmija għalqa rriżulta li għall-ħabta tal-05:30am, skont il-ħin tal-filmat, persuna tidher qed tħott *excavator* minn fuq trakk ieħor li normalment jintuża għall-ġarr tal-iskips u li kellu number plate tal-Ingilterra bin-numru ta' reġistrazzjoni HD080LP. Peress li l-excavator kellu GPS tracking, il-pulizija setgħet tara mil-liema toroq għaddiet din l-iskavatriċi bil-għan li jinġibdu l-filmati relevanti. Minn dawn il-filmati jirriżulta li faċċata tal-kwartieri tal-*MaltaPost plc* f'Ħal-Qormi l-excavator ġiet mgħobbija fuq trakk tat-tip *low loader* bin-numru ta' reġistrazzjoni BCN 773 li huwa reġistrat fuq l-akkużat.[3] Mill-informazzjoni miġbura mill-GPS jdher li l-excavator ittieħed lejn il-parkeġġ ta' l-Isptar Zammit Clapp, fil-Gżira fejn minn hemmhekk telaq lejn id-direzzjoni tal-Imtaħleb. It-trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni BCN 773 instab mill-pulizija fil-parkeġġ tal-Isptar Zammit Clapp.

Illi l-ispettur Kevin Pulis xehed[4] u kkonferma dan kollu u żied li hekk kif kellu l-*co-ordinates* tal-iskavatriċi Yanmar, informa lil PS1309 u PC57 mill-għassa tar-Rabat dwar fejn kienet qed timmarka u huma marru fuq is-sit. Sussegwentement hu mar fuq is-sit ta' din l-għalqa u hemmhekk seta jara b'għajnejħ il-vetturi suġġetti għal dawn il-proċeduri li rriżulta li kienu wkoll misruqa. Preżenti fl-għalqa kien hemm ukoll l-imputat li ttieħed fil-kwartieri tal-Pulizija, wara li ngħata d-drittijiet spettanti skont il-liġi. Filfatt ittieħditlu stqarrija fit-18 ta' Settembru 2020.[5] Illi permezz tal-co-ordinates, hu seta'

[3] Ara x-xhieda ta' Stephen Cachia mogħtija nhar it-18 ta' Diċembru 2020, a fol. 87 tal-atti proċesswali.
[4] Ara x-xiehda mogħtija fit-02 ta' Settembru 2022 a fol. 463 tal-atti proċesswali
[5] Ippreżentata bħala dok "KP1" a fol. 618. Ara t-traskrizzjoni tagħha magħmula minn Dr Lennox Vella a fol 555 tal-atti proċesswali.

jagħmel pjanta ta minn fejn għaddiet din l-iskavatriċi bil-ħinijiet preċiżi. Jgħid li minn filmat CCTV meħud minn propjetà quddiem din l-għalqa jidher l-imputat qed isuq trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni HD080LP u dieħel fl-għalqa, liema trakk instab mill-uffiċjali tal-pulizija fl-istess imsemmija għalqa. Waqt li l-imputat kien fil-kwartieri tal-pulizija ġie nnutat li kellu telefon ċellulari fuqu u l-ispettur għamel talba lill-fornituri tas-servizz ċellulari sabiex jagħtu localisation ta' dan iċ-ċellulari. Skontu, dakinhar tas-17 ta' Settembru 2020 għall-ħabta tal-05:15am il-mobile beda jimmarka fl-inħawi tal-Gżira fejn instab il-low loader (BCN-773) filwaqt li fis-06:11am beda jimmarka li qiegħed fl-akwati tar-Rabat. Qal li minn manbag li nstab fl-għalqa tal-akkużat, kien hemm mazz ċwievet u waħda minnhom kienet tat-trakk low loader li kien parkeġġjat ħdejn l-Isptar Zammit Clapp. Skontu, mill-filmati miġbura dan il-low loader jidher għaddej minn quddiem il-fabbrika ta' Le Rose f'Ħal-Qormi bl-iskavatriċi fuqu. In kontro-eżami[6] xehed illi l-propjetà fl-Imtaħleb għandha d-daqs ta' madwar farmhouse bl-għelieqi magħħa, għalkemm hemm ċerta kobor, m'hemmx kobor ta' barra minn hawn. Qisu madwar erbat' itmiem raba' madwar farmhouse li ġiet konvertita f'garage. Din il-propjetà hija ċirkondata b'għelieqi oħra propjetà ta' terzi. Qal li waqt l-istqarrija, l-akkużat semma' li hemm parti minn din il-propjetà li tinħadem minn xi bdiewa filwaqt li hemm parti oħra fejn iżomm xi makkinarju u vetturi tiegħu. Ikkonferma li l-akkużat mal-ewwel indika liema kienu l-oġġetti tiegħu (fosthom dgħajsa u vetturi) però dwar l-oġġetti l-oħra li l-pulizija sabu f'din l-għalqa ma semma xejn.

Illi dwar din is-serqa infteħet ukoll *in genere* u l-proċes-verbal ġie ppreżentat in atti.[7]

Illi Alan Guiga xehed[8] illi dakinhar tal-inċident filgħodu huwa mar fuq is-sit f'Ħal-Qormi u minn hemm induna li *excavator* tal-għamla Yanmar li kien propjetà tiegħu u kien f'dan is-sit kien nieqes. Hu ċempel lill-kollega tiegħu Alex Bugeja biex jara jekk ħadux hu iżda dan wieġeb fin-negattiv. Dak il-

---

[6] Ara x-xhieda mogħtija nhar l-24 ta' Lulju 2023, a fol. 658 tal-atti proċesswali.
[7] Ara fol. 51 tal-atti proċesswali.
[8] Ara x-xiehda mogħtija fit-02 ta' Ottubru 2020 a fol. 19 tal-atti proċesswali.

ħin, Guiga rrapporta mal-pulizija[9] l-excavator bħala nieqes. Hu ċempel lill-aġent tal-excavator biex jara jekk kellhiex *tracker* u rriżulta li l-excavator kienet qegħda ġo għalqa l-Imtaħleb. Hu mar f'din l-għalqa fejn hemmhekk ra żewġ persuni, wieħed minnhom l-akkużat, jagħmlu l-affarijiet fuqha. Sadanittant, il-pulizija marru fuq is-sit minn fejn ittieħdet l-excavator u mill-filmati miġbura rriżulta li għall-ħabta tat-3:30am tas-17 ta' Settembru 2020 kien hemm żewġ persuni li startjaw l-excavator u marru biha. Hu ppreżenta wkoll[10] ir-rapport mid-*datatrack* imqabbda mal-excavator li turi t-traġitt kollu li għamlet l-excavator mis-sit ta' fejn kienet sakemm spiċċat fl-għalqa tal-akkużat. Illi PS903 Francesco Farrugia[11] u PC1475 Ryan Sacco[12] xehedu illi huma kienu stazzjonali l-għassa ta' Ħal-Qormi meta seħħet din l-allegata serqa u ppreżentaw ir-rapport relattiv.[13]

Illi Christian Borg xehed[14] illi huwa jiġġestixxi n-negozju ta' *car hire* u l-vettura tat-tip Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni LQZ-612 kienet ipparkjata quddiem mecchanic fl-Imrieħel, li kellu ċ-ċavetta. Din il-vettura hija propjetà tiegħu.[15] L-għada, il-mecchanic ċempillu u qalli li l-vettura kienet insterqet u Borg għamel rapport mal-pulizija. Sussegwentement hu kien mar mal-uffiċjali tal-Pulizija f'għalqa l-Imtaħleb fejn hemmhekk kien għaraf il-vettura tiegħu li kienet żarmata biċċiet. Xehed PS 1284 Ian Caruana[16] fejn qal illi fil-25 ta' Marzu 2020 kien mar ċerta Isaac Bajada u rrapporta li huwa jiġġestixxi x-xogħol ta' mechanic u li kellu għandu vettura tat-tip Peugeot 308 bin-numru ta' reġistrazzjoni LQZ-612, liema vettura

[9] Ara r-rapport a fol. 77 tal-atti proċesswali.
[10] Ara x-xiehda mogħtija fit-18 ta' Diċembru 2020 a fol. 102 tal-atti proċesswali..
[11] Ara x-xiehda mogħtija fit-13 ta' Mejju 2022 a fol. 414A tal-atti proċesswali..
[12] Ara x-xiehda mogħtija fit-13 ta' Mejju 2022 a fol. 424 tal-atti proċesswali..
[13] A fol. 427 tal-atti proċesswali.
[14] Ara x-xiehda mogħtija fit-02 ta' Ottubru 2020 a fol. 16 tal-atti proċesswali.
[15] Ara x-xhieda ta' Stephen Cachia mogħtija nhar it-18 ta' Diċembru 2020, a fol. 87 tal-atti proċesswali.
[16] Ara x-xiehda mogħtija fit-18 ta' Novembru 2022 a fol. 518 tal-atti proċesswali.

insterqet minn ħdejn il-garage tiegħu fi Triq l-Esportaturi, l-Imrieħel. Hu ppreżenta r-rapport relattiv.[17]

Illi Tonio Friggieri xehed[18] li fl-1 ta' Marzu 2020 irrapporta li matul il-lejl ta' qabel kien insteraqlu l-vann tal-għamla Isuzu Elf bin-numru ta' Reġistrazzjoni HBD-481 li kien ipparkjat fi Triq il-Ħaddieda, Ħal-Qormi fejn il-garage tiegħu, u liema vann huwa propjetà tiegħu.[19] Dakinhar ġar tiegħu kien qallu li fis-06.45am il-vann ma kienx hemm. Mill-filmati li nġabru dehret vettura tat-tip Daihatsu Terios, blu fil-vjola iżda bla numru ta' reġistrazzjoni, li ttowjat lill-vann. Sussegwentement mar l-għalqa fl-Imtaħleb fejn hemmhekk sab il-vann tiegħu żarmat u għaraf il-parts li kienu tal-vann, li kien propjetà tiegħu. Xehed[20] li hu kien ġieli ra lill-akkużat ħdejn il-mechanic tiegħu wara li kien insteraq it-trakk. PS903 Francesco Farrugia xehed[21] illi fiż-żmien tal-allegat reati huwa kien kuntistabbli stazzjonat l-għassa tal-Pulizija ta' Ħal-Qormi u li Tonio Friggieri kien għamel rapport fejn qal li kien isteraqlu l-vann tal-għamla Isuzu Elf, bin-numru ta' reġistrazzjoni HBD-481. Hu eżebixxa r-rapport rispettiv.[22]

Illi Paul Polidano xehed[23] li s-Sibt 25 ta' Lulju 2020 kellu *excavator* tat-tip Hitachi 55Z, Oranġjo ipparkjata ħdejn il-lights ta' Pembroke u meta mar biex jiġborha nhar it-Tnejn ma sabiex hemm. Minn filmati li kiseb irriżulta li s-serqa saret is-Sibt stess fis-6.44pm. Sussegwentement sab l-excavator f'għalqa l-Imtaħleb. Dawn it-tlett xhieda għarfu lill-akkużat bħala l-persuna li kienet qiegħdha fl-għalqa l-Imtaħleb fejn instabu dawn il-vetturi. Illi

[17] A fol. 521 tal-atti proċesswali.
[18] Ara x-xiehda mogħtija fis-02 ta' Ottubru 2020 a fol. 23 tal-atti proċesswali.
[19] Ara x-xhieda ta' Stephen Cachia mogħtija nhar it-18 ta' Diċembru 2020, a fol. 87 tal-atti proċesswali.
[20] Ara x-xiehda mogħtija fit-18 ta' Diċembru 2020 a fol. 116 tal-atti proċesswali.
[21] Ara x-xiehda mogħtija fit-13 ta' Mejju 2022 a fol. 414A tal-atti proċesswali.
[22] A fol. 415 tal-atti proċesswali.
[23] Ara x-xiehda mogħtija fit-02 ta' Ottubru 2020 a fol. 27 tal-atti proċesswali.

PS1320 Shawn Axiaq xehed[24] illi waqt li kien stazzjonat fl-għassa ta' San Ġiljan, Paul Polidano kien irrapporta għan-nom tas-soċjetà Polidano Brothers li kellhom skavatriċi parkeġġata f' Pembroke u li l-ħaddiema tiegħu ma sabuhiex. PS 1320 mar fuq il-post u kkostata li din l-iskavatriċi tassew ma kienitx hemm u mill-investigazzjonijiet tiegħu sab li kien hemm żewġ cameras CCTV li wrew persuna lieba high visibility vest mal-lejl riekeb dan l-excavator u jirmunkaħ fuq makkinarju ieħor biex jibqa' sejjer biħ. Hu ppreżenta r-rapport msemmi.[25]

Illi PS1284 Ian Caruana xehed[26] illi dakinhar tal-25 ta' Mejju 2020 kien sar rapport rigward serqa ta' vettura tal-għamla Peugeot 108 bin-numru ta' reġistrazzjoni IQZ-176 liema vettura nstabet fis-17 ta' Settembru 2020 u ppreżenta r-rapport relattiv.[27] Illi r-rappreżentat ta' Transport Malta kkonferma li fiż-żmien tal-imputazzjonijiet din il-vettura kienet propjetà ta' Nazzareno Meli, qua s-soċjetà Meli Car Hire.[28]

Illi PS 601 Justin Spiteri[29] u PC793 Samuel Muscat[30], fit-taqsima tar-*Rapid Intervention Unit*, qalu li fis-17 ta' Settembru 2020 irrikorrew fl-għalqa tal-Imtaħleb fejn hemmhekk kien hemm diġà diversi uffiċjali tal-Pulizija u nies oħra. Qalu li raw l-excavator l-isfar u diversi biċċiet ta' vetturi oħra. Fuq il-post kien hemm ukoll l-akkużat u ntqal li kien il-propjetarju ta' dik l-għalqa. Qalu li raw excavator u anke vetturi li kienu qed jiġu żarmati. PS601 kkomunika mal-*control room* tal-pulizija u beda jaqralhom ix-chassis number tal-vetturi u bdew jagħtu hit fuq is-sistema tal-pulizija, jiġifieri kien

[24] Ara x-xiehda mogħtija fl-20 ta' Ġunju 2022 a fol. 411A tal-atti proċesswali.
[25] A fol. 412 tal-atti proċesswali.
[26] Ara x-xiehda mogħtija fit-13 ta' Mejju 2022 a fol. 418C tal-atti proċesswali.
[27] A fol. 419A tal-atti proċesswali.
[28] Ara x-xhieda ta' Stephen Cachia mogħtija nhar it-18 ta' Diċembru 2020, a fol. 87 tal-atti proċesswali.
[29] Ara x-xiehda mogħtija fis-06 ta' Novembru 2020 a fol. 59 tal-atti proċesswali.
[30] Ara x-xiehda mogħtija fis-06 ta' Novembru 2020 a fol. 65 tal-atti proċesswali.

hemm rapport fuqhom diġà. Qalu li s-sitwazzjoni kienet kalma ħafna. Xehedu wkoll PC 57 Matthew Buhagiar[31] u PC1309 John Scerri[32] fejn ikkonfermaw illi marru fl-għalqa *de quo,* ossija, "Tal-Felu", Triq il-Bużbież, l-Imtaħleb u hemmhekk raw l-excavator u diversi vetturi oħra li kienu qed jiġu żarmati.

Fuq is-sit irrikorra ukoll PS 1227 Malcolm Pace[33] fejn żied jgħid li fl-għalqa ra wkoll it-trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni HDO8OLP. Qal li minn dak ir-razzett ġie elevat manbag li kellu diversi ċwievet ta' vetturi. Sussegwentement mar ukoll fil-parkeġġ tal-Isptar Zammit Clapp u waħda miċ-ċwievet li ġiet elevata qablet mat-trukk bin-numru ta' reġistrazzjoni BCN-773 li kien ipparkjat hemmhekk. Hu ħa sett ta ritratti tal-vetturi kemm fl-għalqa fl-Imtaħleb kif ukoll fil-parkeġġ ta' Zammit Clapp.[34] Minn dawn ir-ritratti jidhru t-trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni HDO8OLP; skavatriċi safra tat-tip Yanmar VIO 38; skavatriċi oranġjo tat-tip Hitachi Zaxis 55U, vettura tat-tip Peugeot 308 fil-maġġor parti tagħha żarmata, vettura tat-tip Peugeot 108 fil-maġġor parti tagħha żarmata; gabina ta' vann tat-tip Isuzu u diversi parts ta' vetturi, lkoll fl-għalqa fl-imtaħleb. Hu ppreżenta wkoll ritratti li ħa fil-parkeġġ tal-Isptar Zammit Clapp fejn jidher trakk Isuzu tat-tip *low loader* bin-numru ta' reġistrazzjoni BCN-773. Xehed ukoll PC179 Clayton Gatt[35] fejn qal li dakinhar tas-17 ta' Settembru 2020 assista lil PS 1227 Malcolm Pace fix-xogħol tiegħu hawn imsemmi. Żied jgħid li mill-għalqa tal-Imtaħleb baqgħu sejrin f'għalqa oħra propjetà tal-akkużat f' Ħaż-Żebbuġ u wara anke fil-parkeġġ tal-Isptar Zammit Clapp. Minn hemmhekk it-trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni BCN-773 ġie rmunkat lejn il-*compound* tal-pulizija għal aktar stħarriġ. L-għada, ċioe t-18 ta' Settembru 2020 komplew bit-

[31] Ara x-xiehda mogħtija fis-06 ta' Novembru 2020 a fol. 71 tal-atti proċesswali.
[32] Ara x-xiehda mogħtija fis-06 ta' Novembru 2020 a fol. 82A tal-atti proċesswali.
[33] Ara x-xiehda mogħtija fit-23 ta' Settembru 2021 a fol. 163 tal-atti proċesswali.
[34] Ppreżentati a fol. 176 et seq tal-atti proċesswali.
[35] Ara x-xiehda mogħtija fit-3 ta' Diċembru 2021 a fol. 369 tal-atti proċesswal

tfittxijiet tagħhom fid-diversi propjetajiet tal-imputat iżda dawn irriżultaw fin-negattiv.

Illi r-rappreżentant ta' Transport Malta xehed illi[36] l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BCN-773 hija reġistrata fuq l-akkużat. Illi in kontro-eżami[37] ġie spjegat illi dan it-trakk, tat-tip Isuzu, llum-il ġurnata għandu n-numru ta' reġistrazzjoni BCQ-964. Ir-raġuni għall-bidla tan-numru ta' reġistrazzjoni jistgħu jkunu varji, fosthom anke għaliex in-numru ta' reġistrazzjoni jkunu nsterqu, però l-istess xhud ma kienx f'posizzjoni jgħid għalfejn kien inbidel dan in-numru f'dan il-każ partikolari. Illi mid-dokument minnu ppreżentat[38] jirriżulta illi mill-11 ta' April 2019 sas-26 ta' Frar 2021, dan it-trukk kellu n-numru ta' reġistrazzjoni BCN-773 filwaqt li mis-26 ta' Frar 2021 'l quddiem beda jġib in-numru BCQ-964. Jirriżulta wkoll li mis-26 ta' Frar 2021, dan it-trukk ġie ggaraxxjat. Xehed ukoll li l-vettura tat-tip Volvo 320 bin-numru ta' reġistrazzjoni JCH-615 hija rreġistrata fuq l-akkużat.

Xehed ukoll Alvin Cardona fil-kapaċità tiegħu ta' espert maħtur mill-*in genere* fejn ippreżenta r-rapport tiegħu.[39] Hu ġie nominat sabiex jeżamina l-filmati CCTV miġbura minn diversi postijiet. Illi l-espert John Sacco ppreżenta r-rapport tiegħu kontenenti diversi "stills" elevati mill-filmati CCTV preżentati.[40] Minn dawn l-istills jirriżulta illi l-iskavatriċi tat-Tip YanMar Vio qed tinstaq għal fuq trakk tat-tip *low loader.* Sussegwentement jidher trukk tat-tip li jgħabbu l-iskips, jinstaq bi skavatriċi fuqu u dieħel ġewwa reċint. Tidher persuna qed tiftaħ il-kanċell tar-reċint.

[36] Ara x-xiehda ta' Stephen Cachia mogħtija fit-18 ta' Diċembru 2020 a fol. 87 kif ukoll ir-rapport minnu ppreżentat a fol. 90 tal-atti proċesswali.
[37] Ara x-xiehda mogħtija fl-24 ta' Lulju 2023, a fol. 666 tal-atti proċesswali.
[38] A fol. 669 tal-atti proċesswali.
[39] Ara x-xiehda mogħtija fit-23 ta' Settembru 2021 a fol. 172 tal-atti proċesswal kif ukoll ir-rapport ippreżentat a fol. 196 tal-atti proċesswali.
[40] Ara x-xiehda mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2022 a fol. 480A tal-atti proċesswal kif ukoll ir-rapport ippreżentat a fol. 481 tal-atti proċesswali.

Sussegwentement dan l-istess trakk jidher ħiereġ minn dan ir-reċint vojt, ossija mingħajr skavatriċi fuqu.

Xehed ukoll Mark Micallef, fil-kapaċità tiegħu ta' espert maħtur fl-*in genere* fejn ippreżenta r-rapport tiegħu kontenenti inventarju ta' numru ta' vetturi u makkinarju ta' kostruzzjoni u elenka d-danni li setgħu saru filwaqt li għamel stima tal-ħsarat jew nuqqasijiet li seta kellhom.[41] Fir-rigward tal-iskavatriċi tat-tip Yanmar hu ma rriskontra ebda danni, filwaqt li fir-rigward tal-iskavatriċi tat-tip Hitaci irriskontra illi b'riżultat tal-allegati reati mwettqa, il-*Product Identification number* plate kienet nieqsa, b'valur ta' madwar €120. Fir-rigward tal-Peugeot 108 bin-numru ta' reġistrazzjoni IQZ-176, hu kkostata li d-danni huma fl-ammont ta' €1,115.54 (inkluża l-VAT). Fir-rigward tal-Peugeot 108 bin-numru ta' reġistrazzjoni LQZ-612, ikkostata li r-*wreck value* huwa fl-ammont ta' €1,150 filwaqt li l-valur tal-parts maqlugħin minnha huwa fl-ammont ta' €14,124.62 (inkluża l-VAT). Fir-rigward tal-Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni HBD-481, ikkostata li r-*wreck value* ta' dak li fadal minnu huwa fl-ammont ta' €1,000 - €1,300 filwaqt li vann simili tiegħu iġib valur ta' €13,000 fis-suq lokali.

Illi PC1258 Graham Cassar, fil-kapaċità tiegħu ta' *Scene of Crime Officer* nominat fl-*in genere* xehed u ppreżenta r-rapport tiegħu kontenenti sett ta' ritratti li ttieħdu mill-ambjenti relevanti.[42]

Illi PC424 Abgail Grech xehdet[43] illi hija, flimkien ma' PC 2369 Stephanie Cassar, ġew nominati fl-*in genere* sabiex jaċċedu ġewwa l-parkeġġ tal-Isptar Zammit Clapp, u għamlu xogħol kemm ta' fotografija kif ukoll elevar

[41] Ara x-xiehda mogħtija fit-23 ta' Settembru 2021 a fol. 176 tal-atti proċesswal kif ukoll ir-rapport ippreżentat a fol. 238 tal-atti proċesswali.
[42] Ara x-xiehda mogħtija fid-29 ta' Ottubru 2021 a fol. 315 tal-atti proċesswal kif ukoll ir-rapport ippreżentat a fol. 317 tal-atti proċesswali.
[43] Ara x-xhieda mogħtija fl-14 ta' Jannar 2022 a fol. 374 tal-atti proċesswali kif ukoll ir-rapport ippreżentat a fol. 376 tal-atti proċesswali.

ta' materjal forensiku. Filfatt, hi elevat 2 swabs, kampjuni meħduin minn fuq il-gear lever u l-isteering wheel, liema kampjuni ġew sussegwentement mgħoddija lil Dr. Marisa Cassar.

Illi PC2089 Maria Bezzina xehdet illi hija elevat 3 *lifters* minn fuq gaffa ta' lewn isfar tal-għamla Yanmar u ppreżentat ir-rapport tagħha fir-rigward.[44] Illi b'digriet datat it-13 ta' Mejju 2022, il-Qorti ħatret lil Joseph Mallia sabiex iwettaq eżerċizzju komparattiv bejn dawn il-lifters u l-impronti diġitali tal-imputat. Illi Joseph Malli xehed[45] fejn qal illi mill-kampjuni meħuda, lifter wieħed biss seta jintuża għal din l-analiżi u rriżulta li tali impronta m'hijiex tal-imputat.

Illi r-rappreżentanta tas-soċjetà Melita Limited xehdet illi n-numru tat-telephone ċellulari hemm indikat huwa ta' l-akkużat filwaqt li ppreżentat ukoll rapport kontenenti d-dettalji tar-reġistrazzjoni u l-*call profile* rispettiv.[46] Illi xehed ukoll Dr Martin Bajada,[47] fejn qal li hu ġie nominat minn din il-Qorti sabiex jeżamina l-kontenut ta' ċellulari iżda ma seta jagħmel ebda estrazzjoni għaliex iċ-ċellulari kien *pin locked*.

Illi l-akkużat għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri[48] fejn spjega li huwa preċedentement kien jimporta vetturi mill-Ingilterra u jaħdem fuq il-karozzi u commercial vehicles u li llum-il ġurnata huwa fuq propjetajiet. Ikkonferma li għandu propjetà l-Imtaħleb, ossija fejn instabu l-vetturi *de quo*. Qal li din il-propjetà tikkonsisti f'madwar erbat' itmiem u parti minnha tinħadem minn żewġt ibdiewa, bla ħlas, propju biex ma tintelaqx u timtela' ħaxix ħażin. Fil-parti l-oħra hemm l-elettriku u l-ilma u peress li qegħdha mat-triq, hemm xatba u din il-parti tintuża bħala parking. Jipparkjaw fiha erba trakkijiet kbar. F'dawn l-ambjenti hu jipparkja d-dgħajsa tiegħu u ħareġ extenstion

[44] Ara x-xiehda mogħtija fid-29 ta' Ottubru 2021 a fol. 356 tal-atti proċesswal kif ukoll ir-rapport ippreżentat a fol. 468 tal-atti proċesswali.
[45] Ara x-xiehda mogħtija fit-2 ta' Settembru 2022 a fol. 452 tal-atti proċesswal kif ukoll ir-rapport ippreżentat a fol. 454 tal-atti proċesswali
[46] Ara x-xiehda mogħtija fid-29 ta' Ottubru 2021 a fol. 313 tal-atti proċesswal kif ukoll ir-rapport ippreżentat a fol. 353 tal-atti proċesswali
[47] Ara x-xiehda mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2022, a fol. 511 tal-atti proċesswali.
[48] Ara x-xiehda mogħtija fil-15 ta' Jannar 2024, a fol. 724 tal-atti proċesswali.

tal-elettriku biex jużaha ħaddieħor, senjatament ċerta Keith Micallef li huwa mechanic f'Ħal-Qormi flimkien ma persuna oħra barranija. Qal li dan Keith Micallef huwa espert fuq il-Peugeot u ġieli ħadem biħ meta kien jimporta xi vettura mill-Ingilterra li jkollha bżonn xi tiswija. Qal li Micallef kien juża din il-propjetà biex iżomm il-vetturi. Kellu ċ-ċwievet tal-għalqa u jidħol u joħroġ x'ħin irid. Qal li qatt ma żammlu flus tal-użu minn din l-għalqa. Xehed li dakinhar li marru fuq il-post il-Pulizija, l-akkużat kien daħħal gaffa f'xis-6:00am u għall-ħabta tad-09:00am ġew il-pulizija. Hu fetħilhom u qalulu li kien hemm xi vetturi misruqa miżmuma f'dik l-għalqa u għamlu tfittxija. Qal li dakinhar tal-każ, Keith Micallef ċempillu għall-ħabta tal-04:30am u talbu jmur jiġbru għax kien waqaf bit-trukk. Spjega li dan it-trukk kien ġabu mill-Ingilterra[49] u la kellu pjanċi, la insurance u ma kienx għadu reġistrat f'Malta. Qal li t-trukk kellu xi ħsara fir-radiator u li taħ lil Micallef sabiex isewwihulu. Dan it-trakk kien ipparkjat Ħaż-Żebbuġ u Micallef ma kellux permess isuqu. Qal li biex dan it-trakk instaq, inqalgħu il-pjanċi minn fuq trukk ieħor li kellu n-numru ta' reġistrazzjoni BCQ-964 propjetà tiegħu[50] u ntużaw fuqu, liema trukk preċedentement kellu n-numru ta' reġistrazzjoni BCN-773.[51] Qal li f'dik it-telefonata Micallef qallu biex jiltaqa' miegħu fil-parkeġġ tal-Isptar Zammit Clapp fejn hemmhekk sab it-trukk li kien ġab mill-Ingilterra liebes il-pjanċi tat-trukk l-ieħor. Sab li l-iskavatriċi Yanmar safra kienet mgħobbija fuq it-trukk Isuzu. Qal li mar hemmhekk bit-trukk tat-tip Volvo 320 Skip Loader, bin-numru ta' reġistrazzjoni JCH-615[52] u li Keith talbu biex jgabbi dik il-gaffa u jeħodha l-Imtaħleb. Filfatt huwa għabba l-iskavatriċi fuq it-trukk Volvo u telaq lejn l-Imtaħleb biha. Qal li sussegwentement il-pulizija għamlu t-tfitxijiet tagħhom fl-għalqa tiegħu. Qal li ma basarx li skavatriċi ġdida kienet misruqa. Qal li wara dan l-inċident qatt ma reġa kellem lil Keith Micallef, anzi qal li hu kien qed iżommlu vettura tat-tip Isuzu fil-garage tiegħu u ġab tow truck u ħadhielu lura. Iċ-ċwievet ta' din il-vettura, madanakollu, baqgħu għand l-akkużat u

---

[49] Ara dok "PPC1", UK Registration Certificate a fol. 692 tal-atti proċesswali.

[50] Kif jirriżulta mil-log book ippreżentat bħala dok "PPC2" a fol. 694 tal-atti proċesswali (bix-chassis number JAANPR75HC7103943).

[51] Ara dok "PPC 3" u "PPC 4" a fol. 696 et seq tal-atti proċesswali.

[52] Ara dok "PPC 5" sa "PPC 10" a fol. 699A et seq tal-atti proċesswali.

Keith Micallef qatt ma talabhomlu. Qal li kien qed iżommlu wkoll vettura tat-tip Mercedes b'magna rari, però se jroddhielu lura "x'ħin jgħid il-verità tiegħu". In kontro-eżami qal li ċ-ċwievet tal-Mercedes qegħdin għand Keith Micallef iżda l-vettura hija fiżikament miżmuma għand l-akkużat. Qal li din l-ewwel darba li semma l-isem ta' Keith Micallef. Hu kkonferma li saq it-trukk mgħobbi bl-iskavatriċi Yanmar mill-parkeġġ tal-Isptar Zammit Clapp sal-Imtaħleb. Qal li Keith ma spjegalu xejn fuq din l-iskavatriċi u hu ma kellux għalfejn jistaqsieħ. Qal li hu minn dejjem kellu ċ-ċwievet tal-għalqa tal-Imtaħleb. Qal li l-vetturi *de quo* kien ġieli rahom fl-għalqa iżda qatt ma saqsa lil Kieth Micallef dwarhom għax mhux affariħ. Dwar l-iskavatriċi qal li meta mar fil-parkeġġ tal-Isptar Zammit Clapp, hu ra li l-iskavatriċi kienet ġdida u minkejja li xogħol Keith Micallef huwa fuq il-vetturi tat-tip Peugeot, hu xorta ħass li ma kellux għalfejn isaqsi dwar minn fejn ġabha.

Ilil Pawlu Agius xehed[53] illi huwa ġie mqabbad mill-akkużat biex jeħodlu ħsieb l-għalqa tal-Imtaħleb peress li kienet kollha ħaxix ħażin. Qal li ilu jieħu ħsieb din l-għalqa, li fiha madwar tomnejn, għal madwar sitta jew seba' snin u li kulma ra lill-akkużat kien qisu erba' darbiet. Qatt ma ra l-akkużat idaħħal xi vetturi jew makkinarju ieħor. Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll lil Keith Micallef sabiex jixhed[54] iżda huwa għażel id-dritt il jibqa' sieket.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirriżulta indiskuss li fil-lejl tas-17 ta' Settembru 2020 bejn it-03:00am u s-06:00am xi persuna jew persuni serqu skavatriċi tat-tip Yanmar VIO 38 ta' kulur isfar minn ġewwa sit fi Triq il-Qassisin, Ħal-Qormi fil-viċinanzi tal-kwartieri ġenerali tal-Maltapost plc, liema skavatriċi kienet propjetà ta' Alain Guiga Russo. Jirriżulta wkoll li din l-iskavatriċi kienet mgħammra b'sistema ta' GPS li permezz tagħha il-pulizija setgħu isibu l-posizzjoni tagħha kif ukoll jintraċċaw il-perkors kollu li għamlet biex

[53] Ara x-xiehda mogħtija fid-19 ta' Frar 2024, a fol. 755 tal-atti proċesswali.
[54] Ara x-xiehda mogħtija fid-19 ta' Frar 2024, a fol. 760 tal-atti proċesswali.

ittieħdet minn fuq il-post u waslet fl-għalqa fl-Imtaħleb fejn instabet. Jirriżulta li l-iskavatriċi tpoġġiet fuq trukk tat-tip Isuzu *low loader* li kien qed iġorr in-numru ta' reġistrazzjoni BCN-773 u għal xi raġuni ittieħdet fil-parkeġġ tal-Isptar Zammit Clapp, fil-Gżira biex hemmhekk tgħabbiet fuq trukk ieħor tat-Tip Volvo 320, bin-numru ta' reġistrazzjoni JCH-615, li hija skip loader. Jirriżulta wkoll li t-traġitt fuq bl-iskip loader mill-parkeġġ tal-Isptar Zammit Clapp sal-għalqa tal-Imtaħleb għamlu l-akkużat. Permezz ta' din is-serqa u mill-investigazzjonijiet li saru l-pulizija rnexxielha wkoll issolvi każijiet oħra ta' serq ta' vetturi, ossija skavatriċi tal-marka Hitaci u tlett vetturi oħra tal-marka Peugeot. Irriżulta li kemm il-*low loader* Isuzu, kemm il-pjanċi bin-numru ta' reġistrazzjoni BCN-773, kemm l-*iskip loader* Volvo 320 kif ukoll l-għalqa fejn instabu dawn il-vetturi huma kollha propjetà tal-akkużat.

Illi l-verżjoni mogħtija mill-akkużat hija li għalkemm huwa s-sid ta' din l-għalqa l-użu tagħha huwa maqsum bejn xi bdiewa – li jieħdu ħsieb li ma jitlax ħaxix ħażin, u ċerta Keith Micallef li huwa mechanic speċjalizzat fuq il-Peugeot. Qal li hu rari jkun hemm. Qal li f'dak il-lejl tas-serqa ċempillu Keith Micallef xil-04:30am biex imur jirmunkaħ għaliex it-trukk li kien qed juża waqaf. L-akkużat qal li mar fil-parkeġġ tal-Isptar Zammit Clapp u hemmhekk sab li Keith Micallef kien qed juża *low loader* propjetà tal-akkużat li kien għand Keith Micallef biex ibiddlu r-radiator u li dan l-istess *low loader* kien liebes pjanċi ta' trukk ieħor ukoll propjetà tal-istess akkużat, peress li ma kienx għadu reġistrat hawn Malta.

Illi fil-fehma tal-Qorti il-verżjoni offruta mill-akkużat ma tidhirx li għandha mis-sewwa u ma tagħmilx għal kollox sens. B'attenzjoni lejn il-lejl tas-serqa, l-ewwel diffikultà li ssib il-Qorti hija dwar kif, minn tant vetturi, l-akkużat għażel propju li jmur bi trukk kemxejn speċjalizzat, ossija *skip loader*, liema trukk intuża sabiex jirmonka l-iskavatriċi.Dan il-fatt waħdu diġà jagħti x'jifhem li l-akkużat kien konsapevoli li kien ser iġorr makkinarju ta' ċerta portata u daqs. Jgħid ukoll li kien sorpriż li fil-parkeġġ tal-Isptar

Zammit Clapp sab it-trukk Isuzu tiegħu (li kien għat-tiswija) qed jinstaq minn Keith Micallef bi pjanċi ta' trukk ieħor tiegħu. Jgħid, madanakollu, li għalkemm iddejjaq b'dan kollu, huwa ma saqsiex domandi dwar x'kien qed jiġri u għabba l-iskavatriċi għal fuq l-*iskip loader* u baqa' sejjer biha lejn l-Imtaħleb. Illi bid-dovut rispett, dan m'għandux mis-sewwa għaliex fil-fehma tal-Qorti, jekk persuna innoċentement tirċievi telefonata biex tmur tirmonka persuna imbagħad tmur u ssib dan l-abbuż flagranti mill-vetturi u propjetajiet tiegħu, huwa naturali li tali persuna tibda ssaqsi d-domandi u forsi anke turi d-disapprovazzjoni tagħha għal dak l-akkadut. Mill-provi prodotti ma jirriżultax li dan seħħ.

Illi l-akkużat jgħid li rċieva telefonata minn Keith Micallef għall-ħabta tal-04:30am. Anke hawnhekk, il-Qorti tqis li din l-istqarrija m'għandhiex mis-sewwa. Jirriżulta minn analiżi tal-*call profile* preżentat li bejn id-21:33 hrs tas-16 ta' Settembru 2020 u s-06:23 tas-17 ta' Settembru 2020, kien hemm numru sitt telefonati bejn in-numru ċellulari tal-akkużat u numru ieħor li jispiċċa "1255". Filfatt, l-ewwel telefonata tas-16 ta' Settembru 2020 fid-21:33hrs, l-akkużat ċempel lil dan l-imsemmi numru u t-telefonata ħadet ċirka 25 minuta. Imbagħad, l-akkużat reġa' ċempel lil dan in-numru fis-00:50 (telefonata li damet 42 sekonda), imbagħad irċieva żewġ telefonati fis-17 ta' Settembru 2020 fis-05:39am (telefonata ta' 5 sekondi) u fis-06:00 (telefonata ta' 16-il sekonda); hu ċempel lil dan in-numru fis-06:11 (telefonata ta' minuta u 11-il sekonda) u finalment irċieva telefonata minn dan in-numru fis-06:23am (telefonata ta' 13-il sekonda). Interessanti li fil-jiem kemm tal-15 u tas-16 ta' Settembru (eskluż l-elenku hawn magħmul) saru ben 13-il telefonata bejn dan in-numru u n-numru tal-akkużat. Illi l-prosekuzzjoni, madanakollu, ma ressqet ebda prova dwar is-sid tan-numru li jispiċċa "1255" u b'hekk il-Qorti ma tistax tkun taf jekk dan in-numru huwiex ta' Keith Micallef jew le biex tara jekk kienx hemm xi tip ta' ftehim a priori *o meno* bejnu u bejn l-akkużat. Tista', madanakollu, tikkostata li kuntrarjament għal dak ritenut mill-akkużat, huwa ma rċieva ebda

telefonata fl-04:30am. Illi mill-filmat CCTV ppreżentat in atti[55] jirriżulta li fil-05:38 am tas-17 ta' Settembru 2020, l-akkużat kien wasal bl-iskip loader mgħobbi fil-viċinanzi tal-għalqa *de quo*. Dan il-fatt, flimkien mal-elenku tal-call profile jindika li effettivament it-telefonata li rċieva fil-05:39am rċevieha ammont ta' ħin wara li għabba l-iskavatriċi u telaq mill-parkeġġ ta' Zammit Clapp. Dan jagħti x'jifhem li l-akkużat seta kellu pjan miftiehem ma' Keith Micallef dwar dak li kellu jagħmel, iżda peress li l-prosekuzzjoni ma ppreżentat ebda prova sodisfaċenti f'dan ir-rigward, din l-osservazzjoni tibqa' biss teorija u bl-ebda mod ma tista' sservi favur it-teżi tal-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel akkuża miġjuba kontra l-akkużat hija dik ta' serq tal-iskavatriċi tal-għamla Yanmar u/jew oġġetti oħra kif kwalifikat bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur. Illi fil-fehma tal-Qorti, mill-provi prodotti, il-prosekuzzjoni ma rnexxielix tipprova illi l-akkużat kien awtur ta' din is-serqa. Lanqas ma rnexxielha tipprova illi bejn l-akkużat u l-awtur ta' din is-serqa kien hemm xi ftehim minn qabel, dak li hu magħruf bħala l-*common design*, li jippermetti l-Qorti tapplika l-Artikoli 467(2) u 525(3) tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tal-akkużat.

Illi għalhekk, il-Qorti ssib illi l-ewwel akkuża ma ġietx suffiċjentement ipprovata.

Ikkonsidrat;

[55] A fol. 222 tal-atti proċesswali.

Illi t-tieni akkuża miġjuba kontra l-akkużat tirrigwardja r-reat ta' riċettazzjoni, ossija li persuna tilqa' għandha jew tixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat.

Illi l-elementi ta' dan ir-reat ġew ampjament spjegati fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Fenech**[56] fejn ġie ritenut illi:

> *"Intqal diversi drabi mill-Qrati Maltin li :*
>
> > *'Sabiex persuna tinsab ħatja ta' riċettazzjoni hu meħtieġ li jikkonkorru s-segwenti tliet rekwiżiti u cioe':*
> >
> > *a. il-provenjenza lleġittima tal-oġġett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew ġie meħud b'qerq jew akkwistat b'reat ieħor*
> >
> > *b. l-akkużat irid ikun laqa' għandu jew xtara tali oġġett li għandu provenjenza lleġittima; u*
> >
> > *c. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oġġett in kwistjoni.*
>
> *L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illeċita tal-oġġett suġġett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji."*

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima**[57] ġie ritenut illi:-

> *"L-element <u>materjali</u> tar-reat ta' ricettazzjoni jikkonsisti mhux biss filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x'inhu dak l-oggett), izda wkoll filli dak l-oggett <u>kien effettivament misruq, miksub b'qerq jew akkwistat b'xi wiehed</u>*

[56] **Il-Pulizija vs Mario Fenech**, Qorti tal-Appell Kriminali, 16 ta' Ottubru 2018 (App. Krim Nru 431/2016).
[57] Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima, Qorti tal-Appell Kriminali, 25 ta' Ottubru 2002, (App. Krim Nru 2/2001/1).

*mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi (u tali serq, akkwist b'qerq jew akkwist iehor illecitu irid ikun sar minn persuna ohra, cioe` mhux mill-istess persuna li qed tigi akkuzata bir-ricettazzjoni)."*

Illi din il-Qorti sejra tagħmel ukoll referenza estensiva għal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Darren Debono**[58] fejn ingħad is-segwenti:

*Illi skond il-gurisprudenza sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe' :*

*1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;*

*2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima w*

*3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim "**Il-Pulizija vs. Bugelli**" [24.1.1942]; "**Il-Pulizija vs. Giovanni Grima**" [25.10.2002])*

*L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. John Briguglio**" [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li :-*

---

[58] **Il-Pulizija vs Darren Debono**, Qorti tal-Appell Kriminali, 15 ta' Jannar 2009 (App Krim Nru 245/2008).

*"Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

*Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f' pussess ta' dak l-oggett b' mod illecitu w b' dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. J. Briguglio**" [24.6.1961]; "**Il-Pulizija vs. John Dimech**" [24.6.1961]; "**Il-Pulizija vs. George Tabone**" [24.6.1961] u "**Il-Pulizija vs. Tancred Borg**" [26.10.1998])*

*S' intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo**" [21.3.1953]; "**Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb**" [16.12.1998] u ohrajn)*

*Kif jghid il-KENNY :*

*"The knowledge : The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen.. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. …when an unlikely vendor offers them for an unlikely price … His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously … or making no written entry of having bought them."*

*Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et**."[26.8.1998]); it-teorija Ingliza "of unlawful possession of recently stolen goods" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' "law of evidence" il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti.*

*F' dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-**Archbold** : Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126):-*

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from **Cross on Evidence**, 5th. ed., p.49 (now 8th. ed.., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*"Every case depends on its own facts. ….It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence." (ara ukoll f' dan is-sens :"**Il-Pulizija vs. Carmel Debono**" [1.11.1996], "**Il-Pulizija vs.Richard Spiteri** " [31.8.2006] u ohrajn)."*

Illi finalment, ġie ritenut ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Frankie Bugeja**[59] illi:

*"Ir-reat ta' riċettazzjoni huwa reat ad hoc u jitqies integrat indipendentement mis-sejbien ta' ħtija għar-reat ta' serq u dan jekk, miċ-ċirkostanzi kif ippruvati, ma jkunx jirriżulta li l-ħati jkun hu l-awtur tas-serq jew tal-qerq jew attivita' illeċita oħra, f'liema każ ma tistax tirriżulta l-ħtija fl-istess awtur għar-reat ta' riċettazzjoni."*

Illi applikati dawn il-prinċipji legali għall-każ *de quo*, il-Qorti tqis li miċ-ċirkostanzi wara l-episodju tal-irmonkar tal-iskavatriċi Yanmar VIO 38 mill-parkeġġ tal-Isptar Zammit Clapp, l-akkużat seta faċilment jissuspetta illi din l-iskavatriċi kienet għadha kemm ġiet misruqa u li hu kien ser jirmonka oġġett misruq. Ibda biex, l-irmunkar sar fis-siegħat bikrin ta' filgħodu, sar minn fuq trukk li kien għat-tiswija għand Keith Micallef li kien liebes pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' trukk ieħor – ilkoll tal-akkużat. L-ebda aspett minn din l-operazzjoni kollha huwa tali li ma jqajjimx suspett raġjonevoli tal-provenjenza tal-iskavatriċi. Di più, l-akkużat laqa' għandu din l-iskavatriċi billi (i) irmunkaha fuq skip loader tiegħu, (ii) saqha lejn l-għalqa tiegħu fl-

[59] **Il-Pulizija vs Frankie Bugeja**, Qorti tal-Appell Kriminali, 26 ta' Ġunju 2024 (App Nru 643/2019)

Imaħleb u (iii) ħatta fl-istess għalqa propjetà tiegħu, tant li l-pulizija sabuha hemmhekk ftit tas-siegħat wara.

Illi għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova r-reat ta' riċettazzjoni fir-rigward tal-iskavatriċi Yanmar VIO 38.

Illi dwar il-vetturi l-oħra, għalkemm huwa inkontestat li dawn instabu fl-għalqa tal-akkużat u għalkemm huwa inkonstestat li saru diversi rapporti mal-pulizija tul ix-xhur li dawn allegatament insterqu, fil-fehma tal-Qorti ma tressqet ebda prova li turi li l-akkużat kien jaf, jew li tal-inqas seta kien jaf bil-provenjenza illeċita tagħhom. Ġie pprovat mix-xhieda tal-akkużat u ta' Keith Micallef, li l-istess Keith Micallef jiġġestixxi l-attività ta' mechanic u li juża l-għalqa tal-akkużat għax-xogħol tiegħu. Illi fil-fehma tal-Qorti, m'hijiex sitwazzjoni straordinarja li mechanic iżomm vetturi, jew biċċiet minnhom, f'bitħa jew għalqa li jkollu aċċess għaliha u għaldaqstant, il-preżenza tagħhom fl-għalqa mingħajr ebda ċirkostanza oħra ma twassalx għal suspett raġjonevoli li tali vetturi u makkinarju setgħu kienu ġejjin mis-serq. B'hekk, fil-fehma tal-Qorti il-prosekuzzjoni ma rnexxielix tipprova l-estremi tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward ta' din it-tieni akkuża.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat għandu wkoll l-addebitu tar-reċidiva fil-konfront tiegħu. Illi l-Assistent Reġistratur ppreżentat in atti kopja legali tas-sentenza erogata mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Ġunju 2017.[60] Illi mid-dettalji mogħtija f'dik is-sentenza dwar il-persuna hemm misjuba ħatja, il-Qorti tqis li dik il-persuna u l-akkużat odjerna huma l-istess persuna u għalhekk fil-fehma tal-Qorti, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova dan l-addebitu.

Ikkonsidrat:

[60] Ara a fol. 632 tal-atti proċesswali.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li minn dak prodott quddiemha, għalkemm l-akkużat kien konsapevoli illi qed jilqa' għandu l-iskavatriċi tat-tip Yanmar VIO 38 li kienet għadha kemm ġie misruqa, il-prosekuzzjoni ma pprovatx, a sodisfazzjoni tal-Qorti, illi l-akkużat laqa' għandu l-vetturi u l-makkinarju ieħor misjub fl-għalqa tiegħu filwaqt li kien konxju li dawn seta kellhom oriġini illegali.

Illi għalhekk, ai termini tal-Artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali, il-piena għal dan ir-reat għandha tkun bħal dik tas-serq skont il-valur tal-ħaġa. F'dan ir-rigward, ġie pprovat illi l-valur tal-iskavatriċi Yanmar VIO 38 jeċċedi s-somma ta' €2,329.37 u għaldaqstant il-Qorti sejra tħares lejn l-Artikolu 279(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll lejn l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi fir-rigward tal-kwalità tal-piena, madanakollu, il-Qorti ma tħossx li piena karċerarja effettiva hija rakkomandata f'dawn iċ-ċirkostanzi u dana għaliex fil-fehma tal-Qorti iservi aktar ta' ġid għall-akkużat u għas-soċjetà in ġenerali jekk l-akkużat jagħmel ammont konsiderevoli ta' siegħat ta' kontribuzzjoni fil-qafas ta' Ordni ta' Servizz fil-komunità ai termini tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 49, 50 u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li qed tillibera lil Paul Philip Caruana mill-ewwel akkużat miġjuba kontra tiegħu, qed issibu **ħati** tat-tieni u t-tielet akkużi dedotti kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikoli 11, 12, 13 u 14 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tpoġġi lill-istess **Paul Philip Caruana** taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunità bil-kondizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitejn siegħa (200) f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation u Parole* u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet mogħti kontestwalment.

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lil **Paul Philip Caruana** jħallas lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali s-somma komplessiva ta' erbat' elef u disa mitt Ewro u erbgħa u tletin Ewro ċenteżmu (€4,900.34) rappreżentanti spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri.

Illi a tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-Ordni ta' Servizz fil-Komunità kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor huwa, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Servizz fil-Komunità bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal Sorveljanti assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**